Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 19/2002/1

Kummissarju tal- Artijiet

-vs-

Carmelo Sultana

Il- Bord,

Ra r- rikors tal- Kummissarju ta' l- Artijiet fejn jesponi b' rispett:

Illi l- intimat gie notifikat b' Avviz ghall- Ftehim datat 22 ta' April 2002 fejn gie infurmat li l- kumpens li l- awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri assolut bhala frank u liberu tal- fond kummercjali f' Birkirkara "Spikes" Unisex Hair Salon, huwa ta' hamest elef, mitejn u sebghin Lira Maltija (Lm5,270) kif jidher deskritt mir- rapport tal-

Perit Frederick H. Valentino A. & C.E. tal- 31 ta’ Ottubru 2000 li kopja tieghu Dok A. huwa anness ma’ l- istess Avviz ghall- ftehim.

Illi b’ ittra ufficjali tat- 3 ta’ Mejju 1999 l- intimat fost affarjiet ohra jiddikjara li ma’ jaccettax il- kumpens offert u jitlob li dan il- kumpens ghandu jkun ta’ mhux anqas minn sittax il- elef Lira Maltija (Lm 16,000.00).

Ghaldaqstanta ir- rikorrent jitlob bir- rispett li dan il- Bord jghogbu, jordna lill- intimat biex jittrasferixxi favur ir- rikorrent b’ titolu ta’ xiri assoluit bhala frank u liberu il- fond kummercjali fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment tal- Art jew lin- Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l- att relattiv f’ dik il- gurnata, hin u lok li dan il- Bord joghogbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- dispozizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l- Akkwist ta’ Artijiet ghall- Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra ir- risposta tal- intimat Carmelo Sultana fejn jesponi b’ rispett:-

1. Illi l- esponenti ma ghandu ebda oggezzjoni illi t- talbiet tar- rikorrenti jigu milqugha;

2. Illi b’ danakollu, u minghajr pregudizzju ghall- permess, l- esponenti, filwaqt illi jaghmel referenza ghall- ittra ufficjali minnu pprezentata fit- 3 ta’ Mejju, jissottometti illi l- ammont ta’ kumpens lilu offert mir- rikorrenti ghax- xiri assolut tal- fond de quo, mhux accettabbli stanti illi ma jirriflettix il- valur reali ta’ l- istess fond, skond il- Ligi;

3. Illi fil- fatt, il- kumpens pretiz mill- esponenti ghax- xiri assolut tal- fond de quo, huwa ta’ sittax il- elf Lira Maltin (Lm16,000), skond kif jirrizulta mill- istima redatta mill- Perit Mario Cassar AIC, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. CS1, liema somma tirrifletti l- valur reali tal- fond de quo.

Salv eccezjonijiet ohra.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra d- digriet tieghu tat- 12 ta' Ottubru 2001 li bih gew nominati periti teknici l- AIC Joseph Mizzi u l- AIC David Pace.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti li stmaw il- qasam kummercjali fl- ammont ta' hdax il- elf lira Maltija (Lm11,000).

Ghalhekk jilqa t- talbiet tar- rikorrent u jordna lill- intimati jghaddulu b' titolu ta' xiri assolut bhala liberu u frank il- fond kummercjali f' Birkirkara maghruf bhala 'Spikes' Unisex Hair Salon bil- kumpens ta' hdax il- elf lira Maltija (Lm11,000); jahtar lin- Nutar Vincent Miceli jew lin- Nutar li jkun qed jaghmel floku bhala Nutar tad- Dipartimenti ta' l- Art biex jippubblika l- att fl- ufficju tar- rikorrent fis- 6 ta' April 2005 fil- 11.00 a.m. jahtar lid- Dottoressa Graziella Bezzina biex tidher fuq l- att ghall- kontumaci a ternut ta' l- art 31 kif emendat tal- Kap 88 jordna li l- ispejjez ghandhom jigu sofferti mill- partijiet fi proporzjoni li d- differenza fl- ammont offert mill- awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill- Bord ikollhom ghad- differenza fl- ammont mitlub mis- sid u l- ammont stabbilit mill- Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------